

# IL-QIMA LEJN L-IMMAKULATA F'MALTA

mill-Kan Prep. Jos. Bonello

Waħda mill-aktar ġranet egħżież għalina devoti tal-Madonna, żgur li hija t-tmienja ta' Diċembru 1854, meta l-Papa Piju IX iddefinixxa li l-Madonna, sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, kienet meħlusa mittebgħa tan-nisel, bis-saħħa tal-merti minn qabel ta' Ġesù Kristu, li kellu jitwieled minnha.

L-akbar difensur ta' din il-verità kien l-għaref Franġiskan DUNS SKOTUS li għallem li Marija ġiet mifdija minn Ġesù iżda mhux bħalna. Aħna ġejna mifdija wara li waqajna, iżda Marija, bi privileġġ kbir, ġiet mifdija billi ma ħallihiex tittebba. Dan it-tagħlim ta' l-iskola Franġiskana ġie milqugħ bil-mod mill-Knisja Kollha, u b'hekk bil-Bolla "Ineffabilis Dei" il-Papa ipproklama bħala Domma it-twemmin fl-IMMAKULAT KONĊEPIMENT TA' MARIJA.

Erba' snin wara, fis-sena 1858, Il-Madonna stess ikkonfermat din il-verità meta f'LOURDES qalet lil Bernardina "-**JIEN L-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI**"



*Il-Kunċizzjoni fil-Knisja ta' San Franġisk, Għawdex, li nħadmet fl-injam mill-Iskultur Bormliż Salvu Psaila fl-1848. Fuq din l-istatwa saret il-vara tal-Kunċizzjoni li tintrama' fi Pjazza P. Vassallo f'Bormla nhar il-festa ta' l-Immakulta.*

**Devozzjoni Antika**

Għalkemm din id-definizzjoni saret fis-sena 1854 dan ma jfissirx li din kienet xi verità ġdida fil-Fidi Nisranija. Infatti sa mis-seklu sebgħa, insibu l-festa ta' l-Immakulata fil-Knisja tal-Lvant, u mis-seklu disgħa f'dik tal-Punent l-ewwel f'Napli, imbagħad fl-Ingilterra u l-Irlanda u fl-aħħar f'pajjiżi oħra ta' l-Ewropa. F'Malta d-devozzjoni lejn l-Immakulata hija qadima ħafna, kif juri l-għadd kbir ta' knejjes, kappelli, niċeċ, triqat u fratellanzi msemmija għaliha fl-ibliet u rħula l-aktar qodma tagħna. **L-istoriku Ferris isemmi 14-il knisja f'Malta u tnejn f'Għawdex.** X'uħud ġew soppressi. Ma' dawk li baqgħu, żdiedu oħrajn u xi wħud minnhom saru fi żmienna.

**Fratellanzi**

Fis-sena 1637 kienet diġa teżisti Fratellanza tal-Kunċizzjoni fil-Knisja ta' San Franġisk ta' Puturjal, il-Belt, fejn sa mill-qedem kienet tiċċelebra sollennement il-festa ta' l-Immakulata. Din il-Fratellanza, ingħatalha il-privileġġ li jużaw il-kulur ċelesti fil-festa liturġika tal-Kunċizzjoni. Din il-fratellanza ħabirket ħafna biex f'egħluq il-50 sena mid-definizzjoni ta' l-Immakulata ssir dik l-istatwa sabiħa u artistika tal-Kunċizzjoni li hemm fi Triq ir-Repubblika l-Belt fil-faċċata tal-Knisja ta' Santa Barbara.

Skond Mons. Bonnici, f'Malta hawn sitt fratellanzi tal-Kunċizzjoni, li ħafna minnhom huma antiki; dawn iċċelebraw il-festa ta' l-Immakulata b'Novena u purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna. Ta' min isemmi l-Fratellanza ta' l-Immakulata ta' l-Imqabba li torganizza l-Festa tal-Madonna tal-Ġilju, u dik tal-Qrendi li torganizza l-festa tal-Madonna ta' Lourdes.

**Il-Parroċċa ta' Bormla**

Tnejn huma l-Parroċċi tal-Kunċizzjoni, dik ta' Bormla u l-oħra tal-Ħamrun. Hija magħrufa ma' Malta kollha d-devozzjoni tal-Bormliżi lejn l-Immakulata. Bormla saret parroċċa 400 sena ilu, u ġiet merfugħa għal Kolleġġjata fis-sena 1822. Mumenti importanti fil-ħajja tal-Parroċċa kienu l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari mpitter minn P.P. Caruana fil-25 ta' Ġunju, 1905 mill-Kardinal Legat Domenico Ferrata u t-tqegħid ta' stellarju ma' ras il-Madonna mill-Kardinal Federico Tedeschini fl-1955, b'tifkira taċ-Ċentinarju tad-Domma tal-Kunċizzjoni. Ta' min isemmi wkoll il-famuż u devot Pellegrinaġġ bil-kwadru u l-Istatwa tal-Kunċizzjoni minn B'Kara għal-Bormla fid-19 ta' Novembru 1944. Dik il-ġurnata ma tintesa qatt.

**Il-Parroċċa tal-Ħamrun**

Il-Parroċċa l-oħra tal-Kunċizzjoni hija dik tal-Ħamrun li taf il-bidu tagħha lil Pawlu Burlò, Bormliż li tant kien devot tal-Madonna. Hu ħabrek ħafna biex iwaqqaf Kappella u oratorju fejn ikun jista' jsir it-tagħlim tad-duttrina tat-tfal ta' dawk l-inħawi. Wara l-mewt ta' Pawlu, inbniet il-Knisja li hemm illum mill-ħabbrieki u ferrieħi Dun Edgar Vella li miet f'età żgħira ta' 43 sena u ma kellux ix-xorti li jaraha mitmuma għal kollox. Fl-1 ta' Jannar 1968 saret Parroċċa u l-ewwel Kappillan tagħha kien il-qassis li twieled taħt il-mant tal-Kunċizzjoni ta' Bormla, Dun Ġużepp Mifsud Bonnici. Dan l-aħħar, bit-tħabrik tal-Kappillan Dun Manwel Agius il-Parroċċa akkwistat statwa artistika u antika tal-Kunċizzjoni mill-fratellanza ta' l-Immakulata tal-belt, Valletta.

**Il-Parroċċa ta' l-Imsida.**

Il-Parroċċa ta' l-Imsida kienet ukoll tal-Kunċizzjoni. Qabel ma nbniet il-knisja li hemm illum, il-parroċċa ta' l-Imsida kienet dik li hemm fil-Wied wara l-Għajn tal-Ħasselin, imħaffra fil-blat, bħall-kripti antiki. Din il-Knisja damet isservi ta' Parroċċa sakemm inbniet il-Knisja sabiħa li hemm il-lum iddedikata lil San Ġużepp.

**Knejjes oħra**

Knisja żgħira tal-Kunċizzjoni nsibuha fiż-Żurrieq, jgħidulha **"Tan-Nigret"**, b'faċċata grazzjuża mogħnija b'koppla u żewġ kampnari mibnija fl-1739. Magħha hemm palazz li fis-snin 1883-1885 kienu joqogħdu fih il-patrijiet Benedittini. Illum minn flokhom hemm is-sorijiet ta' Nuzzu.

Fil-Mosta hemm knisja oħra tal-Kunċizzjoni fil-post li jgħidulu **"Ta' Qali"**. Din Kienet iġġarrfet fil-gwerra iżda reġgħet inbniet oħra bit-tħabrik ta' Dun Salv Magro. Barra mir-Rabat f'Wied Gerżuma hemm Knisja sabiħa ħafna dedikata lill-Kunċizzjoni, post li jsaħħrek bil-ġmiel, minn fejn wieħed jista' jgawdi waħda mill-isbaħ veduti ta' Malta.

Ħdejn il-palazz **Spinola** f'San Ġiljan hemm knisja oħra tal-Kunċizzjoni mibnija fl-1687-1688 mill-Pirjol **ta' l-Ordni Fra Raffaele Spinola.** Illum din il-Knisja jieħu ħsiebha Dun Fortunato Axiak.

Knisja oħra tal-Kunċizzjoni hija ta' **Bengħisa** fl-inħawi ta' Kalafrana. Inbniet bit-tħabrik ta' Dun Ġakbu Gauci miż-Żurrieq fl-1882, reġgħet inbniet u tkabbret minn neputih Dun Ġużepp. Din il-Knisja tfakkarni f'Mons. Prof. Saydon li kien ir-Rettur tagħha.

Kappella interessanti ħafna tal-Kunċizzjoni hija **"Ta' l-aħrax tal-Mellieħa"** li hija devota u hemm fiha kwadru antik ferm tal-Madonna, impitter fuq l-injam. Knejjes oħra ta' l-Immakulata hemm fin-Naxxar u f'Ħal Lija.

**Il-Knisja ta' "Sarria"**

Mhux ta' min iħalli barra l-Knisja famuża tal-Furjana, imsejħa **"Ta' Sarria"** għat-twajjeb **Kavallier Fra Martino De Sarria** li bena l-ewwel kappella fis-sena 1585. Il-Knisja li hemm illum telgħet fis-sena 1678, flok l-oħra mill-Gran Mastru **Nikol Kottoner** bħala wegħda għall-ħarsien tal-**Pesta l-kbira tal-1675,** li kienet qerdet ħafna nies. Din il-Knisja tonda hija ġawhra ta' Arkittetura Maltija. Fil-Knisja wieħed jista' jammira xogħlijiet sbieħ tal-pittur magħruf **Mattia Preti.** Kull sena, nhar il-Kunċizzjoni ssir Purċissjoni minn San Ġwann tal-Belt għal din il-Knisja, ħajr lill-Madonna għall-ħelsien ta' dawn il-gżejjer mill-Pesta tal-1675.

**F'Għawdex.**

L-Għawdxin huma devoti ħafna ta' l-Immakulata. Kulħadd jaf bil-festa sabiħa u devota li ssir fir-Rabat bl-istatwa artistika tal-magħruf skultur Bormliż Salvu Psaila. Fil-Qala hemm is-Santwarju tal-Kunċizzjoni li huwa antik ħafna fejn il-kwadru devot ġie nkurunat mill-Isqof Pace fl-1 ta' Awissu 1954.

**Il-Knisja ta' St. Andrews**

L-aħħar knisja li nbniet għad unur tal-Kunċizzjoni hija ta' St. Andrews li hija ddedikata lil **Marija Immakulata Omm il-Knisja.** Iċ-ċerimonja ta' l-ewwel ġebla saret fis-7 ta' Mejju 1964, nhar Lapsi, mill-Arċisqof Gonzi. Il-parrinijet kienu l-Prepostu ta' B'Kara Mons. Sciberras Psaila, u l-Perit Roger Degiorgio, il-perit li ħażżeż il-pjanta tagħha. Din il-Knisja taf il-bidu tagħha lill-ħabrieki Mons. Stefan Borg mir-raħal pittoresk ta' Ħal Għargħur. Ix-xogħol kien f'idejn l-imgħallem Antonju Attard mill-Imsieraħ u nbniet fuq l-art mogħtija mill-Familja Aquilina. Ġiet ikkonsagrata fit-13 ta' Frar 1966 mill-Isqof Galea.

Din il-Knisja sabiħa llum hija f'idejn il-kan. Dun Vinċenz Demicoli li bit-tħabrik tiegħu qiegħed jagħmel minn kollox biex il-komunità nisranija ta' dawn l-inħawi ma jkun jonqoshom xejn. Il-Madonna tagħtih l-għajnuna u tbierek din il-komunità ġdida li dejjem qiegħda tikber maż-żminijiet.

**L-Egħluq**

Hemm bosta ħwejjeġ oħra li stajt u xtaqt ngħid dwar il-qima lejn il-Kunċizzjoni. Imma l-ispazju u l-ħin huma meqjusa. Dak li għedt hu biss ġabra fil-qosor. Imma dan hu biżżejjed biex jurina u jfakkarna kemm aħna l-Maltin dejjem ħabbejna l-Kunċizzjoni u għadna nħobbuha sal-ġurnata tal-lum. **Viva Marija Immakulata**